illum
€0.51/ 22ċ
www.illum.com.mt
06 ta' Jannar 2008 • Nr 62



## Il-veterani Maltin tat-Tieni Gwerra

paġna 10




# Is-sena tal-vot

**Bl-elezzjoni ġenerali ssir sa l-ewwel sitt xhur tas-sena, l-2008 se tkun waħda minn dawk is-snin li tibqa' immarkata fil-kotba ta' l-istorja għax tista' tara lill-Partit Laburista lura fil-Gvern wara nuqqas ta' 10 snin, jew it-tkomplija tat-tmexxija Nazzjonalista għal kważi kwart ta' seklu.**

B'ekonomija li tista' tmajna xi ftit minħabba inċertezza domestika u globali, bl-ewro li se jsir parti mill-għaġna ta' kuljum u bi kriżi fil-provvista ta' l-enerġija, din is-sena tista' tkun waħda interessanti ħafna.

Anki jekk kull tbassir ta' kif se tiżvolġi l-2008 jibqa' suġġett għal kwistjonijiet u fatti imprevedibbli, *Illum* twasslilkom elenku ta' dak li jista' jinqala' ibbażat fuq fatti magħrufa, analiżi infurmata kif ukoll xi ftit spekulazzjoni.

*Ara paġni 3-6*

## L-€wwel transazzjoni mhux ta' Gonzi

Sabrina Agius

**L-intopp li nqala' lill-Prim Ministru mal-qalba tas-sena meta ma rnexxilux jiġbed l-ewro minn magna awtomatika wassal biex ma jkunx l-ewwel wieħed f'Malta li ġibed il-flus ewro malli daqq nofs il-lejl bejn il-31 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar.**

Minn informazzjoni li ġabret din il-gazzetta l-ewwel ġbid ta' flus permezz ta' l-ATM jidher li sar minn klijent ta' l-HSBC mill-fergħa ta' San Ġiljan, f'nofs il-lejl u minuta.

*Tkompli fuq paġna 7*

## L-ajruport iċaħħad lill-partitarji ta' Juventus

- Diżappunt kbir għax il-Juventus mhux se jgħaddu mis-sala tal-wasliet fl-MIA
- "Hawn ġew ħadd mhu se jikkmandani" – il-Kap tas-Sigurtà tal-MIA

Mark Attard

**L-eluf ta' partitarji Juventini li llejla kien beħsiebhom imorru l-Gudja biex jilqgħu lill-kontinġent tal-Juventus fis-sala tal-wasliet ta' l-ajruport se jibqgħu b'xiber imnieħer.**

Skond Mario Cuomo, il-Kap tas-Sigurtà ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA), il-kumpanija ħadet deċiżjoni madwar sena ilu biex timijiet u personalitajiet ta' fama mondjali ma jgħaddux b'mod normali mis-sala tal-wasliet iżda miż-żona riżervata.

Ikkuntattjat il-bieraħ Cuomo, b'ton aggressiv, spjega li d-deċiżjoni ttieħdet wara li kienu ġew AC Milan.

"Timijiet u personalitajiet ta' ċerta portata li jġibu magħhom il-massa tan-nies se jibdew jgħaddu biss mill-VIP Areas. Wara dak li ħallew warajhom sena ilu dawk li telgħu l-ajruport biex jaraw il-Milan mhux se nerġgħu nissugraw li jiġrilna l-istess.

"M'hemmx x'tagħmel jekk inzertaw il-Juventus. Minn x'imkien ridna nibdew. Hawn ġew ħadd mhu se jikkmandani. Meta n-nies jibdew jedukaw irwieħhom u naraw li tgħallmu nerġgħu nbiddlu d-deċiżjoni tagħna," sostna Cuomo.

*Tkompli fuq paġna 9*
*Ara wkoll il-paġni sportivi*



NEWSPAPER POST